DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## IL-FESTA BIL-BANDIERI

*2 Att, 6 Xena, p.60 (M)*

## IL-MISSIER

### MA KIENX TORT TIEGĦI!

Ma kienx tort tiegħi! Kienu rawha miegħu l-Mellieħa u ġew jgħiduli… Jien ma qabbadt xejn… Ma qabbadt lil ħadd. Lil ħadd, qed tifhem! Hawn ġew kulħadd jagħmel li jrid! Hawn ġew kulħadd jidħol u joħroġ meta jrid! Sirna każin hawn ġew! U oħtok – oħtok kif ma' tistħix? Għax ma tgħidilhiex xi ħaġa? Kif jien biss irrid nidher ikrah; kif bilfors dejjem il-missier irid idendel kusu?

Dawk it-tfal għad jgħalluk, Lin! Kompli tihom ir-riħ, kompli bil-fsied… Tara jaqbdux u jsabbtulek il-bieb f'wiċċek – bilkemm tissogra tgħidilhom kelma! Minni ma jisimgħux, imma minnek, Lin, kelma ta' omm tasal fejn lanqas xebgħa ċinturin ma tasal!

U ara x'qed ngħidlek, malli jidħol dak it-tifel, tħallinix narah b'għajnejja! Jekk nerġa' nsibu hemm fuq jittanta 'l dik ix-xuxana, mhux daqqtejn intih! Mhux daqqtejn!

/ Issa billi toqgħod tnewwaħ? Billi toqgħod tnewwaħ?

Tajjeb – mela agħmel int – agħmel int! Jien naħsel idejja minnhom! Naħsel idejja minnkom ilkoll! U wara tiġux tfittxuni lili! Wara jkun tard wisq – tard wisq qed tisimgħuni! *(161)*

PDF p. 60

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.